**Minuti tal-Laqgħa Nru 58 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, nhar l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2011 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.31 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa l-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.10 p.m. | 8.10 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.31 p.m. | 7.55 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | Skużat | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.20 p.m. | 8.10 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.32 p.m. | 7.58 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30 p.m. | 7.58 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | Skużat | |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skużata | |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.17 p.m. | 8.10 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.20 p.m. | 7.58 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużata | |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

Fil-ħin li kellha tibda l-laqgħa, jiġifieri fis-7.30p.m. ma kienx hemm kworum. Kienu preżenti s-Sindku, Dr Paul Chetcuti Caruana u l-kunsilliera Mario Sammut, Marthese Mifsud, Christopher Grech u David Meilak. Il-laqgħa bdiet eżatt minuta wara ghax fis-7.31 daħlet il-viċi Sindku Josette Agius Decelis, b 'hekk kien hemm kworum u l-laqgħa setgħet tibda.

## 1.00 Approvazzjoni tal-Minuti

1.01 Il-minuti tal-laqgħa 57 tal-Ħamis 3 ta' Novembru 2011 ġew approvati kif moqrija għajr dawn il-korrezzjonijiet:

Dwar item 1.01, punt 3.05: Il-viċi Sindku qalet li hi ma qalitx is-sentenzi "Is-Sindku instema' jgħid u jsemmi kliem ta' pulizija, jista' jagħmillu libel u ssemma' l-isem tal-kunsillier Pawlu Agius li ma kienx preżenti fis-Sala." Il-kumplament ta' dan il-punt m'għandux jitniżżel fil-minuti għajr l-aħħar sentenza li għandha taqra: "Is-Segretarju talab lis-Sindku biex ma jkomplix isemmi kliem bħal dan," u għaldaqstant dawn is-sentenzi għandhom jitħallew barra peress li sa dak il-ħin hi kienet għadha ma waslitx għal-laqgħa.

Dwar item 4.00, punt 4.09: Il-viċi Sindku qalet li l-kliem "Il-viċi Sindku wriet il-ħsieb tagħha fejn qalet li min jiġbor l-iskart filgħaxija jista' jiġbru wkoll filgħodu" għandu jinqata' peress li sa dak il-ħin hi kienet għadha ma waslitx għal-laqgħa.

Dwar item 10.03: Il-vici Sindku qalet li l-kliem "Il-vici sindku wriet il-fehma tagħha fejn qalet li min jiġbor l-iskart fil-għaxija jista' jiġbru wkoll filgħodu" għandu jinqata' peress li sa dak il-ħin hi kienet għadha ma waslitx għal-laqgħa.

Dwar item 1.01, punt 4.06: Il-perit Chris Grech qal li l-kliem "Il-Perit qal li wara li t-traffiku jidħol lejn il-Mosta minn Triq il-Kostituzzjoni dan għandu jdur għal Triq il-Kbira " għandu jinqata' peress li hu ma kienx qal dan il-kliem.

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti**

2.01 Dwar item 3, punt 4.10: Is-Segretarju talab permess u informa lill-Kunsill fejn ġibed l-attenzjoni tal-kunsillier il-perit Chris Grech li kien qallu biex iħallas pagament ta' xogħol u resurfacing li kien sar bil-hot asphalt fit-toroq tal-Merill, il-Waqqafa u l-Bufula l-Ħamra. Is-Segretarju qal lil Perit li kienet waslitlu informazzjoni biex jiċċekkja dwar dan il-pagament għax seta' ġara li dan il-ħlas fil-fatt kien ġa tħallas . Is-Segretarju għamel dan u sab li dan il-pagament kien tħallas. Għaldaqstant ma setax jerġa' jsir pagament ta' dawn it-tliet toroq. Il-perit Chris Grech ingħata kopja tal-*Invoices* li jiċċertifika dan.

2.02 Il-kunsilliera t-tabiba Shirley Farrugia xtaqet informazzjoni dwar item 4.00, punt 4.15 li tittratta meta l-Kunsill jirċievi kont għall-ħsarat fejn persuna jkun sofra fil-karrozza tiegħu minħabba ħofor fit-toroq. Dawn il-kontijiet kienu jitħallsu biss wara li jkunu ġew sodisfatti ċerta kundizzjonijiet u dawn bl-approvazzjoni ta' l-avukat tal-Kunsill.

2.03 Is-Segretarju wara li talab permess informa lill-Kunsill li l-avukat tal-Kunsill kien wasal għal din id-deċiżjoni fuq sentenza tal-Qorti kontra l-Kunsill Lokali ta' l-Iklin dwar każ simili.

2.04 Il-kunsilliera kollha qablu li dan issa kien se jibda joħloq preċedent għax individwi li jkunu sofrew ħsarat fil-karrozzi tagħhom minħabba ħofor u ħsarat fit-toroq kienu se jibdew jirrikorru għand il-Kunsill għal kumpens. Hawn ħadu sehem attiv fid-diskussjoni il-kunsilliera kollha b'mod speċjali il-kunsilliera Shirley Farrugia u Chris Grech kif ukoll is-Sindku tal-Kunsill it-tabib Paul Chetcuti Caruana.

2.05 Ġie deċiż li s-Segretarju għandu jindaga jekk *insurance* tal-Kunsill tkunx tista' tkopri fiha kumpens ta' ħsarat fil-karrozzi f'dan ir-rigward. Jekk dan ikun aċċettat il-kunsill ikun jista' jserraħ rasu li b'xi mod qed isir *independent survey* dwar il-ħsarat u hekk il-kont li jirċievi l-kunsill tal-ħsarat ikun assigurat li kemm hu possibbli huwa ġust.

2.06 Jekk it-talba għall-*insurance* ma tiġix milqugħa hekk il-Kunsill ikollu jmur għas-sistema kif qed tkun imħaddma llum, jiġifieri li l-kunsill jitlob ir-rapport tal-pulizija, ritratti meħuda dwar il-każ kif ukoll ikollu l-approvazzjoni ta' l-avukut tal-kunsill li l-ħlas jista' jsir.

2.07 Il-Viċi Sindku is-sinjura Agius Decelis talbet lis-Segretarju jiċċekkja dwar ħlas li suppost huwa dovut lill-ħanut tal-pastizzi fil-pjazza tal-Knisja 'Sphinx' dwar xiri ta' pastizzi li kien sar għal *crew* ta' *One Television* meta kien ittrasmetta il-Festa ta' Santa Marija. Dawn ġew imħallsa minn sponsor.

2.08 Il-Kunsillier is-sur Mario Sammut ta informazzjoni tal-attivita' li se tkun organiżżata lill-persuni anzjani u dawk b'diżabilita' fil-komunita' tal-Mosta li se

ssir nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li jagħmel tajjeb għal xiri ta' kafe', te' u ilma li jkun irid jinxtara f'din l-okkażjoni.

2.09 Qabel spiċċat il-laqgħa is-sur u s-sinjura Magro reġgħu talbu lill-Kunsill biex jara jistax jerġa' jwaħħal il-*bollards* li kienu tneħħew minn Hope Street fuq ordni ta' Transport Malta. Is-Segretarju għandu jikteb lill-Transport Malta biex jintalab permess biex jerġgħu jitwaħħlu l-erba' bollards b'mod mhux mekkanizzat.

**3.00 Mateji Finanzjarji**

3.01 Sar suġġeriment biex sakemm hu possibbli it-tipi fl-Iskeda tal-Ħlasijiet (item 3.00 Materji Finanzjarji) għandhom jinkitbu b'tipi akbar.

3.02 Il-kunsilliera Shirley Farrugia talbet spjegazzjoni dwar il-ħlas li kien sar f'item 68 ta' 1,250 Euros u f'item 106 ta' €1,500 rispettivament lis-sinjura Frances Vella li temporanjament qed tiftaħ il-latrini tal-Mosta.

3.03 Is-segretarju talab permess biex jista' jispjega. Huwa qal li ż-żewġ pagamenti imsemmija f-item 3.02 kienu għax-xhur Ottubru u Novembru 2011. Huwa kompla li s-sinjura Vella kienet titħallas bil-5 Euros fis-siegħa inkluż fil-Ħdud u l-Festi u wieħed irid iqis ukoll li hi kienet qed tiftaħ u tnaddaf it-tliet latrini taċ-Ċentru Ċiviku. Il-ħlas huwa bil-ferm raġonevoli meta tqis li kumpaniji barranin jitolbu ħlas ta' €6 u € 7 fi-siegħa għal matul il-ġimgħa (ir-rata għall-Ħdud u festi hija ta' €7 u €8 rispettivament). U dawn ir-rati huma ta' meta persuna tintalab tiftaħ u tieħu ħsieb latrina waħda biss. Il-ħlas għal servizz ta' aktar minn latrina waħda huwa ferm għola minn €6 u €7 fis-siegħa. Is-segretarju kompla li din ir-rata għandha l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan is-servizz qed jingħata b'mod temporanju sakemm issir l-aġġudikazzjoni ta' l-offerti.

3.04 Dwar Item 5.00 fl-Aġenda "Materji Finanzjarji" il-Kunsill approva l-ammonti li dehru fuq l-*invoices* wara li dawn ġew rikonċiljati ma' l-ammont li jrid isir il-pagament fuqhom. Għaldaqstant l-ammont ta' 207,829.74 Euros għandu jitħallas. Dawn il-pagamenti huma għall-perjodu 12 ta' Ottubru 2011 sa 6 ta' Diċembru 2011.

**3.00 (a*) Performance Bonus Appraisal***

3.01 Is-segretarju ġie mogħti l-permess biex jitkellem dwar l-għoti tal- *Performance Bonus* lill-erba' impjegati tal-Kunsill.

3.02 Is-segretarju qal li l-impjegati tal-Kunsill huma persuni dedikati fuq ix-xogħol tagħhom. Wieħed irid jiftakar li l-Kunsill suppost li għandu impjegati miegħu tmien skrivani. Fil-fatt peress li fil-preżent erba' persuni biss huma impjegati mal-Kunsill dawn qed ikollhom ipattu għan-nuqqas ta' *staff.*

3.03 Hawn is-Segretarju talab għall-*bonus* massimu, jigifieri ta' 6% għall-impjegati. Il-kunsilliera kollha qablu ma' dan is-suġġeriment.

3.04 Kien imiss issa li jiġi diskuss il-*performance bonus* tal-Aġent Segretarju tal-Kunsill. Is-Segretarju talab li joħroġ barra mis-Sala biex il-kunsilliera jkunu jistgħu jitkellmu bil-liberta'. Il-kunsilliera talbu lis-segretarju jibqa' fis-Sala.

3.05 Is-Sindku qal li s-segretarju huwa persuna li jaf tajjeb ix-xogħol li jitlob minnu l-Kunsill, huwa persuna dedikata fejn bosta drabi jibqa' jaħdem wara l-ħinijiet normali tax-xogħol tiegħu biex jassigura li x-xogħol ma jintefax lura.

3.06 Hawn is-Sindku talab għall-*bonus* massimu, jiġifieri ta' 10% għas-segretarju. Il-kunsilliera kollha qablu ma' din il-proposta.

Hawn il-kunsilliera Marthese Mifsud, David Meilak u t-tabiba Shirley Farrugia minħabba urġenza talbu li joħorġu mil-laqgħa u jkunu skużati. Il-ħin kien it-tmienja neqes żewġ minuti (7.58 pm). Ta' min jinnota li tliet minuti qabel kienet ħarġet mil-laqgħa il-viċi Sindku, fejn talbet biex tiġi skużata.

Hawn il-Kunsill baqa' bi tliet kunsilliera jiġifieri, is-Sindku t-tabib Paul Chetcuti Caruana, Mario Sammut u l-perit Christopher Grech. Peress li l-Kunsill ma kellux kworum il-laqgħa kellha tiġi aġġornata.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv